MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 117/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Plc u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' Kevin Gauci u l-istess Kevin Gauci**

**Vs**

**George Vella**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm598.02c (hames mija u tmienja u disghin lira Maltin u zewg centezmi) rappresentanti danni sofferti mill-attur Kevin Gauci assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' Lm573.02c (hames mija u tlieta u sebghin lira Maltin u zewg centezmi), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-

ammont ta’ 25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) l-istess Kevin Gauci in linea ta’ excess payment, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta’ Marzu 2002 ghall-habta tal-7.40a.m gewwa St Anne Street kantuniera ma’ Great Siege Road, Floriana, bejn il-vettura propjeta’ ta’ l-attur Kevin Gauci, bin-numru ta’ registrazzjoni IBF 607 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni KOC 030, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba lis-socjeta’ assikuratrici Elmo Insurance Agency Ltd bhala agent tas-socjeta’ estera Royal and Sun Alliance Insurance Plc u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz tat-talba kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------